# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DECIZJONI NUMRU 2271

### Chairman: Dr Leslie Cuschieri Cert.Dip.Stud., LL.D.

**Kaz Numru 2738/LC**

**Fil-kwistjoni tax-Xoghol bejn**

**Av Matthew Brincat bhala mandatarju specjali ta' l-assenti Diego Righi (Passaport numru AA0195949)**

**vs**

**Emerald Shipping Limited (C2908)**

**dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ingusta.**

Illum 11 ta’ Frar 2014

Dan il-kaz gie referut lit-Tribunal Industrijali permezz ta' Rikors tal-avukat Dottor Matthew Brincat fil-kwalita` tieghu ta' mandatarju specjali tal-assenti Diego Righi, liema rikors gie pprezentat fir-Registru tal-Qorti fis-27 ta' Novembru 2009.

DIKJARAZZJONIJIET

Fir-rikors tieghu, Dottor Brincat jghid li Diego Righi kien iffirma kuntratt ta' impieg ghal zmien definit ta' ghoxrin xahar mal-kumpanija intimata fis-27 ta' Marzu 2009 u beda jahdem mal-istess kumpanija fl-4 ta' April 2009. Il-kuntratt kien jistipula wkoll li l-istess kuntratt kellu jispicca fl-ahhar tas-sena 2010. F'nofs dan l-impieg, ir-rikorrent baghat messagg elettroniku li bih talab li jigi awtorizzat ma jmurx ghax-xoghol ghal certu perjodu ta' zmien peress li kien ser jadotta tifla mill-Kolombja. In segwitu, fit-8 ta' Settembru 2009 ir-rikorrent gie

infurmat li l-impieg tieghu kien ser jigi terminat b'effett mit-30 ta' Novembru 2009 ghaliex l-assenza tieghu ghal tul dak il-perjodu ta' zmien ma kinitx accettabbli. Wara dan, ir-rikorrent baqa' fl-impieg, izda fil-15 ta' Ottubru 2009 l-impieg tieghu gie terminat wara li huwa kiteb lill-kumpanija biex jinsisti fuq dak li haqqu skond il-ligi. Apparti li din it-terminazzjoni mhix ghal raguni tajba u sufficjenti skond il-ligi, dan l-agir tal-kumpanija intimata imur kontra l-Artikolu 10 ta' l-Avviz Legali numru 426 tal-2002 Dwar Dritt ta' Leave tal-Genituri fejn mhuwiex permess li l-principal li jkecci impjegat ghaliex jiehu jew japplika biex jiehu *leave* tal-genituri skond ir-regolamenti, u kull tkeccija tali m'ghandhiex tikkostitwixxi raguni valida ghat-terminazzjoni ta' impieg. Jghid li skond l-Artikolu 36(11) tal-Att Dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali r-rikorrent ghandu jithallas l-ammont ta' €58,000 mill-kumpanija intimata, liema ammont huwa somma ekwivalenti ghal nofs il-paga li kienet tmiss lir-rikorrent ghall-qbija taz-zmien espressament miftiehem fil-kuntratt ta' impieg tieghu. Saret referenza ghas-sentenza *Rita Nehls vs Sterling Travel and Tourism Limited* (Appell Numru 4/04) fejn gie kkonfermat li t-Tribunal Industrijali ghandu kompetenza jisma' kazijiet dwar terminazzjoni ta' kuntratti ghal zmien fiss, u r-rikorrent talab li jigi dikjarat li l-impieg tieghu gie terminat qabel iz-zmien patwit minghajr raguni tajba u sufficjenti skond il-ligi, u li ghalhekk is-socjeta` intimata ghandha thallsu s-somma ta' €58,000 jew somma verjuri skond il-kaz.

Mar-rikors gie pprezentat dak li r-rikorrent isejjah "kuntratt ta' impieg" **(Dokument DR1)** li jikkonsisti f'dokument datat 27 ta' Marzu 2009 iffirmat minn xi hadd f'isem Emerald Shipping Ltd u mibghut lil Diego Righi: hemm indikat li kuntratti ta' impieg precedenti datati 27 u 28 t'Awwissu 2007 kienu qed jigu rimpjazzati b'dan il-kuntratt fejn issa huwa kien qed jigi ingaggat bhala Technical Superintendent sabiex jiehu hsieb l-assistenza u l-*management agreement* li l-kumpanija intrabtet li tezegwixxi waqt il-bini ta' tankers fit-tarzna ta' Chongqing fic-Cina. L-impieg kellu jibda hekk kif Diego Righi jasal fic-Cina, u dan kellu jkun ghall-habta tal-4 ta' April 2009, u kellu jispicca malli jitlesta l-bini tat-tieni 5700Dwt Asphalt Tanker (Hull no.K08-1008), liema

vapur kellu jitlesta sa l-ahhar tal-2010, u dan dment li xi naha jew ohra ma taghtix lin-naha l-ohra avviz bil-miktub dwar kwalunkwe data ohra, liema avviz kellu jinghata tal-inqas xahar qabel. Il-kumpanija intrabtet li thallas lir-rikorent €8,000 kull xhar jew pro-rata bhala paga, oltre kumpens ghall-ispejjez tal-ghixien, hlas biex ikopri taxxa, u *fringe benefits* ohra stipulati fl-istess kuntratt. Giet esebita wkoll email tat-8 ta' Settembru 2009 (**dokument DR2**) fejn certu Krzysztof Kowalski kien qed jinforma lis-sur Righi li l-assenza tas-sur Righi mill-impieg ma kinitx accettabbi, li huwa ma kienx qed jahdem tajjeb f'*team-work*, u li ghalhekk kien qed jinghata avviz ta' terminazzjoni tal-impieg b'effett mit-8 t'Ottubru 2009, u gie offert ukoll kumpens finanzjarju ekwivalenti ghall-paga sat-30 ta' Novembru 2009. Ir-rikorrent ipprezenta email (flimkien mal-istess **dokument DR2**) li hu kien baghat lill-kumpanija fejn huwa indika li huwa kien ser ikollu bzonn jieqaf mill-impieg ghal bejn 75 u 90 jum. Ir-rikorrent esebixxa wkoll ittra tat-30 t'Ottubru 2009 (**dokument DR3**) li biha Emerald Shipping Ltd infurmat lir-rikorrent li fil-waqt li l-kumpanija kienet obbligata thallsu sat-8 t'Ottubru 2009 imma offrietlu kumpens ekwivalenti ghal hlas sat-30 ta' Novembru 2009 bhala "merely a gesture of goodwill," il-kumpanija kienet issa qed tregga lura dik l-offerta peress li r-rikorent flok accettaha ha azzjonijiet legali kontriha. Giet esebita wkoll ittra legali tas-7 t'Ottubru 2009 (**dokument DR4**) li r-rapprezentant legali tar-rikorrent baghat lill-kumpanija intimata fejn invoka l-Artikou 36(11) tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta ghal biex is-sur Righi jithallas €60,000 bhala nofs il-paga li kien jippercepixxi kieku baqa' sal-ahhar tal-kuntratt li kellu jaghlaq fl-ahhar tal-2010. Jinghad ukoll fl-istess ittra li Diego Righi wegga' fuq il-post tax-xoghol fit-30 ta' Settembru 2009 u t-tabib tah 14-il jum zmien biex ma jmurx ghax-xoghol, u ghalhekk intalab li s-sur Righi jithallas 14 –il jum '*injury compensation*' ekwivalenti ghal 14 –il jum ta' xoghol flimkien mal-ispejjez kollha medici relatati mal-incident, u li kellhom jinkludu spejjez tal-isptar, spejjez tat-tobba, u akkomodazzjoni f'lukanda sal-14 t'Ottubru 2009; il-kumpanija inghatat 10 ijiem zmien biex thallas dan kollu u giet imwissija li fin-nuqqas jinbdew proceduri legali kontriha. Giet ipprezentata wkoll ittra tat-23 t'Ottubru 2009 (**dokument DR5**) mibghuta minn GM International Services

Limited, apparentment f'isem Emerald Shipping Limited, fejn inghad li mill-bidu nett is-sur Righi wera nuqqas ta' professjonalita` f'xogholu u l-imgieba skorretta tieghu ma' shabu fuq ix-xoghol kienet detrimentali ghall-ambjent tax-xoghol. Jinghad li l-arroganza tar-rikorrent bdiet iddejjaq anke lir-rapprezentanti tat-tarzna Ciniza. Jinghad li r-rikorrent inghata l-opportunita` jirranga l-attitudni tieghu izda huwa baqa' jagixxi l-istess. Giet ipprezentata wkoll prokura (**dokument DR6**) li r-rikorrent ta lir-rapprezentanti legali tieghu biex jagixxu f'ismu.

Il-kumpanija Emerald Shipping Limited rrispondiedt b'Dikjarazzjoni tal-kaz fejn qalet li Diego Righi ma kienx professjonali f'xogholu, u l-imgieba ta' arroganza tieghu kienet qed thalli effett negattiv fuq kull min kien ikollu jahdem mieghu, tant li minn Lulju 2009 kien hemm anke min kien qed jirrifjuta li jkompli jahdem mieghu. Jinghad li r-rikorrent kien imur tard ghax-xoghol, jahli hafna hin tax-xoghol jorganizza r-ritratti personali tieghu, inizzel il-films mill-internet u jipprepara dokumenti ghall-qtates tieghu; huwa ghamel xahrejn ma jilbisx zarbun skond ir-regolamenti tal-*Health and Safety*. Ir-raguni tat-terminazzjoni tal- impieg kienet propjament li r-rikorrent gie impjegat biex jaghmel certu xoghol partikolari skond id-direzzjonijiet partikolari tas-socjeta` intimata, imma huwa ma kienx jimxi ma' dawn id-direttivi.

<u>PRELIMINARI</u>

Fil-fazi inizjali ta’ dan il-kaz, dan it-Tribunal heggeg lill-partijiet jaslu ghal ftehim bonarju. Ghall-iskopijiet ta’ Artikolu 78 tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta’ Malta jinghad li ma kienx possibbli li dan il-kaz jigi terminat fiz-zmien moghti mill-ligi minhabba kwistjonijiet legali li fuqhom anke inghatat decizjoni preliminari.

Di fatti, b'rikors appozitu, is-socjeta` intimata qajmet eccezzjoni dwar il-gurisdizzjoni ta' dan it-Tribunal, u permezz ta' decizjoni preliminari tal-10 ta Mejju 2011 giet trattata l-eccezzjoni preliminari sollevata mis-socjeta` intimata li dan it-Tribunal m'ghandux gurisdizzjoni biex jisma' dan il-kaz peress li l-impieg in kwistjoni gie redatt u kkuntrattat fl-Isvizzera u x-xoghol relattiv kellu jitwettaq fic-Cina, u tqajmet il-kwistjoni tal-ligi applikabbli f'kaz li dan it-Tribunal huwa kompetenti jisma' l-kaz: gie deciz li dan it-Tribunal ghandu gurisdizzjoni jisma dan il-kaz, u gie deciz ukoll li l-ligi applikabbli ghall-kaz hija dik Svizzera.

IL-PROVI FUQ IL-FATTI

Gie pprezentat affidavit ta' Michel Freudiger, direttur tas-socjeta` intimata. Dam jghid li Emerald Shipping Limited twaqqfet biex tiehu hsieb il-bini ta' vapuri, partikolarment fic-Cina, u ghalhekk ghandha officini fic-Cina biex jissorveljaw ix-xoghol. In-nies teknici jintaghzlu ghal vapur jew vapuri partikolari ghaliex dawn ikunu jridu jaraw li l-binja tal-vapur tkun tirrispetta l-ligijiet tal-pajjiz li l-vapur ikun ser itajjar il-bandiera tieghu. Ir-rikorrent gie ingaggat proprju biex jissorvelja x-xoghol dettaljat li jkun qed isir fuq il-vapuri partikolari mqieghda taht il-harsien tieghu. Dan il-moniteragg ikun mehtieg b'mod kontinwu, specjalment meta jkun ser jitlesta xi vapur, u ghalhekk il-kumpanija ma setghetx tkompli b'hidmietha f'kaz li r-rikorrent jassenti ruhhu ghal zmien twil. Jghid li Diego Righi mill-bidu ma kienx professjonali f'xogholu, u mgiebtu ma kinitx sewwa, tant li kien qed johloq konflitti bejn il-haddiema fit-tmexxija tat-tarznari ta' Guangzhou u Chongqing fic-Cina. Il-kumpanija bdiet tircievi ilmenti f'dan is-sens, izda xorta halliet lis-sur Righi fl-impieg ghaliex huwa kellu esperjenza kbira f'dak li kien qed jaghmel u l-kumpanija ma riditx li x-xoghol ma jkunx sorveljat minn persuna bhas-sur Righi. Pero` gara li xorta x-xoghol kien ser jispicca mhux issorveljat ghaliex is-sur Righi talab li jassenti ruhu ghal bejn 75 u 90 jum. Din it-talba holqot problema kbira ghaliex ix-xoghol fuq il-vapuri kien jirrikjedi l-prezenza tieghu,

aktar u aktar meta f'dak il-perjodu li kien ser jassenti ruhu s-sur Righi kellu jitlesta l-ewwel vapur li kellu taht il-harsien tieghu. Ix-xoghol fuq it-tieni vapur kien beda ukoll. Ghalhekk, fi kwalunkwe kaz il-kumpanija kellha tingagga lil xi hadd iehor biex jissorvelja x-xogholijiet, u fic-cirkostanzi ghazlet li tittermina l-impieg tas-sur Righi billi taghtih xahar avviz ('notice') skond il-kuntratt ta' bejniethom. Din kienet decizjoni iebsa ghaliex min kien ser jigi minfloku kellu jara mill-bidu nett x'kienu dawk ix-xogholijeit li l-vapur kellu lesti u liema kienu ghad iridu jsiru. Fit-8 ta' Settembru s-sur Righi inghatalu l-avviz tat-terminazzjoni tal-impieg, u flok inghata xahar skond il-kuntratt, inghata sal-ahhar ta' Novembru 2009, u dan b'sinjal ta' rieda tajba. Pero`, skond dan ix-xhud, b'risposta l-kumpanija rceviet minghand is-sur Righi li kien beda azzjonijiet legali, u ghalhekk iddecidiet li flok thallsu sal-ahhar ta' Novembru 2009 thallsu sal-15 t'Ottubru 2009.

Krzysztof Kowalski ghamel zewg affidavits. Fl-ewwel wiehed jghid li f'isem Emerald Shipping Limited huwa kien isegwi x-xogholijiet ta' bini ta' vapuri li l-kumpanija kienet tiehu fic-Cina; huwa kien ukoll Human Resources manager u allura kien jiehu hsieb il-haddiema li l-kumpanija kellha ingaggati, u r-relazzjonijiet taghhom mal-amministraturi tat-tarznari rispettivi. Dan jghid ukoll kif ir-rikorrent intaghazel minhabba l-gharfien li kellu tat-teknikalitajiet kollha li zewg vapuri partikolari kienu jehtiegu fil-bini taghhom. Jghid li s-sur Righi ha zewg vakanzi bl-intiza li lejn l-ahhar tas-sena jibqa' fuq ix-xoghol ghax kien ser jitlesta l-ewwel vapur, u l-prezenza kontinwa tieghu kienet ser tkun indispensabbli. Mhux talli dawk il-vakanzi ma kinux biz-zejjed ghal dik is-sena, talli kien qed jipprogetta li jieqaf madwar 3 xhur ohra propju meta kien ippjanat li jigi varat l-ewwel vapur. Dan kien ser ifisser li l-vapur ma jigi varat xejn ghal dak il-perjodu. Apparti li jirrepeti hafna minn dak li qal ix-xhud precedenti, dan ix-xhud jghid li l-ilmenti li kienu qed jaslulu kienu, fl-ewwel lok li Righi kien jaghmel diversi zbalji imbaghad jipprova jitfa' l-htija fuq haddiehor, fit-tieni lok ma kienx ihares ir-regolamenti tas-Sahha u s-Sigurta` fuq il-post tax-xoghol, fit-tielet lok kien qed iqatta' hafna hinijiet fuq il-computer jaghmel affarijiet mhux konnessi mal-vapuri li kienu qed jinbnew, u

fir-raba' lok kien imur tard ghax-xoghol, b'okkazjoni minnhom imur gurnata tard. Isemmi kif f'din l-ahhar okkazjoni gie ghax-xoghol b'*taxi* flok bit-trasport tax-xoghol, u ppretenda li jithallas tat-*taxi*, u ghax dan ma inghatalux huwa ghamel xenata kbira lill-manager responsabbli. Jghid li l-problemi li dan kien johloq lill-haddiema kienu qed itellfu l-andament tax-xoghol. Bit-tieni affidavit huwa esebixxa numru ta' dokumenti: ittra mill-Carrier Project Department b'numru ta' lmenti dwar ir-sur Righi, rapport tat-8 t'Ottubru 2009 mill-Logistic Assistant Alberto Pellizzato fejn jilmenta li s-sur Righi kien jindahal fejn mhix kompetenza tieghu; dejjem ikun iridha tghaddi tieghu, jghajjat u jghajjar lin-nies "stupidi"; rah jehli hafna hin tax-xoghol jimmanigja l-kollezzjonijiet ta' ritratti li kellu, inizzel programmi mill-internet u johloq dokumenti biex jghinuh jittrasporta t-tlitt iqtates tieghu; huwa kien jitlob hafna vantaggi li jekk jinghatawlu kienu joholqu diskrepanza mal-haddiema l-ohra, izda hu kien jinsisti ghalihom b'forza li kienet ittellef lil Pellizzato f'xogholu; statement tal-istess Krzysztof Kowalski tal-10 ta' Settembru 2009; ittra ta' lment minn A. Kalinka; ittra mill-GSI fejn jinghad li xoghol fit-tarzna mar tajjeb izda ghall-futur ma riedux li Diego Righi ikun aktar involut ghax holoq hafna problemi; rapport ta' S. Molodozhentsev jilmenta kemm mill-arroganza ta' Righi, kemm mill-fatt li ghal xahrejn wara li wegga' sebghu ta' siequ Righi kien jigi x-xoghol minghajr is-safety shoes li kulhadd kien obbligat jilbes, u mill-hela ta' hin li kien iqatta' fuq il-computer; ittra tas-7 ta' Settembru 2009 minn Sergey Yezerskyy b'lista ta' problemi li kienu ser jinholqu minhabba l-assenza tas-sur Righi; email tat-8 ta' Settembru 2009 minn Sergey Yererskyy fejn jispjega ghaliex Righi ghandu jigi sostitwit, u fejn spjega ukoll kif is-sur Righi gab xi qtates fl-appartament li inghatalu li ghamlu hafna hsara u dan ma sewwiex kollox; semma wkoll li Righi kien imur tard ghax-xoghol, u li kien jippretendi li jithallas ta' transport li ma kienx intitolat ghalih; jghid li Righi kien tajjeb fit-teorija imma fil-prattika ma kien tajjeb xejn.

Ir-rikorrent xhed li kien inghata kuntratt fl-2007, imbaghad inghata iehor fl-2009 biex jinbnew zewg vapuri go Chong Chin fic-Cina, fit-tarzna ta' Dong Feng. Bhala *machine superintendent* kien jiddizinja l-makkinarju u jara li dan

jinbena skond ma kien ikun iddizinja. Huwa kien diga' hadem mas-socjeta` intimata minn Jannar 2008 sa' xi Frar jew Marzu 2009 u ma kellux problemi. Ghat-tieni kuntratt kellu manager fuqu lil Sergei Yezerski, u l-kumpanija kienet infurmata li kien bi hsiebu jadotta tifel jew tifla flimkien mal-mara tieghu li kienu jafuha. Jghid li d-dokumenti esebiti qed jesageraw l-affarijiet ghaliex fil-waqt li veru kienu jsirulu xi ilmenti, qatt hadd ma qallu li l-impieg tieghu kien fil-perikolu. Jghid li per ezempju l-ilment dwar il-hlas tat-*taxi* kien jirrigwarda hlas ta' seba Euro (€7.00) biss. Jghid li wahda mill-waqfien mix-xoghol kienet biex fi ftit jiem jiltaqa' mal-Bord tal-adozzjonijiet fl-Italja u fl-istess hin jigi operat f'sebghu ta' siequ li kien qed jugghu; kien minhabba f'din l-operazzjoni li darba ittardja ghax-xoghol b'gurnata, u huwa kien avvza l-kumpanija b'dan id-dewmien. Din kienet ukoll ir-raguni ghalxiex huwa dahal ghax-xoghol xorta, imma ma setax jilbes is-safety shoes. Jghid li l-Bord tal-addozzjonijiet ma tahx data dwar meta kienet ser issehh l-adozzjoni, izda kellu hjiel li seta kien lejn l-ahhar tas-sena jew fil-bidu tas-sena ta' wara. Jghid li assenza mix-xoghol ta' 90 jum kien il-massimu, izda kien qed janticipa li jdum inqas boghod mix-xoghol.

Krzysztof Kowalski gie kontroezaminat fejn qal li huwa kien jaf mill-bidu tas-sena 2009 li r-rikorrent kien behsiebu jadotta mill-Kolombja, pero` ma kellux dettalji. Jghid li meta s-sur Righi talbu minn 75 sa 90 jum *leave*, huwa ha l-opinjoni tas-sur Yezerski dwar din l-assenza u dan qallu li din l-assenza kienet ser tohloq hafna problemi. Jghid li Yezerski qal lil Righi b'dan verbalment. Pero` jammetti li dakinhar stess li rcieva l-email tat-8 ta' Settembru 2009 ta' Sergey Yezerskyy bil-problemi kollha li ser jinholqu gie deciz li l-impieg ta' Righi kellu jigi terminat, u dan wara li ttiehdu wkoll in konsiderazzjoni l-ilmenti l-ohra li kienu jircievu minn zmien ghal zmien.

Ir-rikorrent esebixxa affidavit legali ta' l-avukat Svizzeru Ueli Sommer ghal skopijiet tal-prova tal-ligi Svizzera applikabbli ghall-kaz.

Ir-rikorrent jghid li kien fl-1 ta' Settembru 2009 li informa lill-kumpanija li l-assenza tieghu setghet tkun sa massimu ta' 90 jum, u l-email datata 8 ta'

Settembru rceviha fl-10 ta' Settembru. Huwa lmenta ma Kowalski li bit-terminazzjoni tal-impieg l-anqas kien ser ikun jista' jadotta ghaliex kemm il-ligi Taljana u kemm Kolombjana kienu jirrikjedu li huwa jkun fl-impieg. Kowalski weghdu li jtuh xahar paga zejjed, u cioe` mill-15 ta' Ottubru sal-15 ta' Novembru, ghalkemm fil-kommunikazzjoni sussegwenti inkiteb li kien ser jinghata hlas sat-30 ta' Novembru 2009. Ir-rikorrent esebixxa ittra ta' Alexander Kalinka fejn jghid li l-ittra li giet prodotta f'dawn il-proceduri turi l-firma tieghu izda huwa ma kienx kiteb dik l-ittra. Ittra ohra hija ta' Sergey Moliodozhentsev fejn jghid li l-ittra esebita u attribwita lilu ma kienet tieghu xejn ghaliex certi kliem uzat ma kienx juzah hu; pero` jghid li dak kollu li hemm miktub huwa veru. Esebixxa wkoll ittra ta' rakkomandazzjoni mill-kaptan Augusto Lorenzo tal-marina Spanjola.

<u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Ghandu jinghad li l-partijiet tkellmu hafna fuq l-imgieba, jew ahjar l-allegata imgieba tar-rikorrent fuq il-post tax-xoghol. Ix-xhud principali tas-socjeta` attrici ressaq rendikont ta' lmenti, liema lmenti gew michuda b'mod generali mir-rikorrent, oltre li dan esebixxa dikjarazzjonijiet jew allegati dikjarazzjonijiet ta' tnejn minn dawn il-persuni li lmentaw minnu, fejn jghidu li huma ma kienux ghamlu dawk id-dikjarazzjonijiet. Dan it-Tribunal jiddeplora dan l-agir ta' parti jew ohra f'dan il-kaz ghaliex jew naha jew ohra kienet qed tipprokura dokumenti foloz. Pero` dan it-Tribunal ma jhossx li ghandu jidhol f'dan il-mertu peress li ghalkemm jidher li veru kien hemm diversi ilmenti kontra s-sur Righi, l-ahhar raguni ghat-terminazzjoni harget mit-talba ghal assenza ta' bejn 75 u 90 jum f'perjodu mhux specifikat. Dan it-Tribunal ma tantx huwa konvint li s-socjeta` intimata kienet tant inkwetata bl-imgieba tar-rikorrent, tant li minkejja l-ittra ta' Chrstie Wan f'isem il-GSI tas-6 ta' Marzu 2009 esebita mal-affidavit tas-sur Kowalski fejn inghad li din il-kumpanija ma riditx tahdem mas-sur Righi, fis-27 ta' Marzu 2009 is-socjeta` intimata xorta tatu kuntratt gdid. Ghaldaqstant dan it-Tribunal qed iqis it-terminazzjoni tal-

impieg tas-sur Righi bhala principalment bazata fuq it-talba ghal waqfien mill-impieg ghal zmien twil.
Ghandu jinghad li l-leave mitlub li fil-massimu tieghu seta' kien ta' tliet xhur, kien diga' bil-ferm aktar mill-erba' gimghat stipulati bhala minimu f'Artikolu 329a tal-iSwiss Code of Obligations. L-istess Kodici jippermetti '*extraordinary free time*' meta dak il-leave ma jkunx biz-zejjed u f'kaz ta' okkazjoni straordinarja. Skond l-avukat Ueli Sommer, dan il-leave straordinarju ghandu jkun "*a short liberation of work*" ghal ragunijiet personali bhal ma jkunu zwigijiet, twelid ta' tfal, mewt ta' qraba, u allura anke adozzjoni tista' taqa' ma' okkazjonijiet straordinarji. Pero` xahrejn u nofs jew tliet xhur certament ma jistghux jitqiesu bhala "*a short liberation of work*". Aghar minn hekk dan il-leave kien ser jittiehed fi zmien mhux determinat u allura l-kumpanija intimata ma setghetx tippjana kif ser jitkompla x-xoghol fl-assenza tas-sur Righi. X'ippretenda s-sur Righi, li jinstab persuna tal-kompetenza tieghu u jithalla "stand-by" ghal zmien indefinit sakemm f'xi mument jidhol jahdem flok Righi ghal perjodu mhux cert fic-Cina? Ma setax is-sur Righi jippretendi li l-progett kollu jieqaf ghal xahrejn u nofs jew tliet xhur, bil-haddiema imdendlin, tul iz-zmien li huwa jkun assenti. L-assenza tas-sur Righi certament kienet ser tikkawza problemi kbar, pero` dan it-Tribunal irid jistabbilixxi jekk hemmx xi ligi li tippermettilu jassenti ruhu b'dak il-mod.

Jirrizulta anke mill-ligi pprezentata mill-avukat Sommer li ma jezisti ebda dritt ta' leave partikolari ghall-addozzjonijiet. L-istess avukat jghid li ma jezisti ebda dritt ghal *unpaid leave,* u gialadarba ma ngibitx prova kuntrarja, dan qed jitqies bhala fatt, u li allura s-sur Righi kellu jirrikorri ghal-*leave* normali jew dak straordinarju imsemmi hawn fuq.

Il-partijiet jaqblu fis-sottomissjonijiet taghhom li mit-tliet tipi ta' impiegi rikonoxxuti fl-Isvizzera, dan la kien ghal zmien definit u anqas ghal zmien indefinit izda kuntratt "*for a maximal duration*." Dan jippermetti li l-kuntratt jigi terminat minn kull naha jekk jinghata avviz ta' terminazzjoni maqbula fil-kuntratt. Fejn mhux stipulat mod iehor, fl-ewwel sena tal-impieg l-avviz irid

ikun ta' xahar. Biex il-perjodu ikun iqsar minn dak prospettat mill-ligi, il-kuntratt tal-impieg irid ikun iffirmat miz-zewg nahat. F'dan il-kaz il-kuntratt tal-impieg ma kienx iffirmat mis-sur Righi, izda huwa rrikonoxxih bhala l-kuntratt tal-impieg tieghu u l-perjodu minimu ta' avviz ta' xahar inaghatalu fit-8 ta' Settembru 2009. Ma jirrizultax li l-avviz b'email mhux meqjuz bhala sufficjenti fil-ligi. Fis-sottomissjonijiet tieghu r-rikorrent jallega li t-terminazzjoni tieghu kienet abbuziva, l-aktar ghaliex taht Artikolu 336(1) is-socjeta` intimata tterminatlu l-impieg minhabba li ezercita dritt kostituzzjonali (li jifforma familja) u ghax ghamel reklamazzjonijiet in bona fede ghal hlasijiet fuq l-impieg tieghu. L-Artikolu 336 ta-ligi Svizzera imsemmija jispecifika meta huma l-okkazjonijiet fejn it-terminazzjoni titqies abbuziva. Dwar l-ilment li tterminazzjoni kienet bazata fuq il-fatt li r-rikorrent ried jadotta (u jezercita d-dritt ghal familja) jinghad li l-interpretazzjoni hija wisq imgebbda ghaliex dan it-Tribunal ma jarax li kien ser jinqala' dan kollu kieku s-sur Righi talab xahar biss ta' leave ghal biex jadotta. Anqas l-argument li l-impieg gie terminat ghaliex is-sur Righi talab il-hlasijiet spettanti lilu ma tregi, u dan ghaliex l-impieg tieghu twaqqaf fit-8 ta' Settembru 2009, mentri Righi ghamel r-reklami relattivi ghall-hlas tieghu wara. Peress li jidher li l-lista ta' avvenimenti hemm imsemmija mhix ezawrienti, dan it-Tribunal ried jara ukoll kienx hemm m*ala fede* da parti tas-socjeta` intimata li setghet titqies bhala terminazzjoni abbuziva. Dan it-Tribuna ma jsibx li l-kumpanija imxiet *b'mala fede* u ghalhekk qed jigi deciz li fit-8 ta' Settembru 2009 ma kienx hemm kaz ta' terminazzjoni abbuziva tal-impieg tas-sur Diego Righi.

Jibqa' ghalhekk jigi stabbilit jekk il-procedura adottata ghat-terminazzjoni kinitx korretta, u jekk ir-rikorrent thallasx dak li kellu jithallas ghal din it-terminazzjoni. Huwa pacifiku li r-rikorrent thallas sal-15 ta' Ottubru 2009 u kellu paga ta' €8,000.00 fix-xahar oltre perkacci, allowances, hlas ta' taxxa u *leave*. Artikolu 335c(1) tal-iSwiss Code of Obligations jghid li:

> "*The employment relationship may be terminated at one month's notice during the first year of service, at two months' notice in the second to*

*ninth years of service and at three months' notice thereafter, all such notice to expire at the end of a calendar month*."

Dan ifisser li s-socjeta` attrici setghet taghti l-avviz tat-terminazzjoni fit-8 ta' Settemrbru 2009 pero' l-avviz ma setax jaghlaq fit-8 t'Ottubru 2009 imma fl-ahhar tax-xahar, u cioe` fil-31 t'Ottubru 2009. Ghandu jinghad li dan it-Tribunal xejn ma japprova l-mossa tas-socjeta` intimata li l-ewwel itterminat l-impieg b'kumpens finanzjarju sat-30 ta' Novembru 2009, u cioe` xahar aktar milli kienet tirrikjediha l-ligi, imbaghad irtirat il-hlas sal-ahhar ta' Novembru sempliciment ghaliex dan ha azzjoni b'avukat, pero` hija ma kinitx obbligata thallas tali hlas, u r-rikorrent ma kienx accettah anqas. Fl-ewwel lok, kif inghad, skond il-ligi Svizzera l-hlas necessarjament kellu jkun sal-ahhar ta' Ottubru 2009, u li jfisser li r-rikorrent huwa ghal dan intitolat ghal hlas ta' €4,000. Di piu` huwa ghandu jkun kompensat ulterjorment ghal-*leave* li ma lehaqx ha, l-allowances, l-ispejjez u l-perkacci li tilef. Dan it-Tribunal ser jistabbilixxi somma ulterjuri *arbitrio boni viri* biex tkopri dan kollu, li qed tigi ffissata fl-ammont ta' €6,000.

**<u>DECIZJONI</u>**

Ghaldaqstant dan it-Tribunal qieghed jiddecidi dan il-kaz billi fl-ewwel lok jiddikjara li l-impieg tar-rikorrent la gie terminat qabel iz-zmien u anqas kien terminat minghajr raguni valida fil-ligi. Pero` qed jigi deciz li r-rikorrent kellu jkun kkumpensat ulterjorment kif spjegat aktar 'il fuq, u ghaldaqstant qed tordna lis-socjeta` Emerald Shipping Limited thallas lil Diego Righi is-somma komplessiva ta' ghaxart elef Euro (€10,000.00) fi zmien hamsa u ghoxrin jum mill-lum. Ghall-finijiet tal-Kap 452 tal-ligijiet ta’ Malta rigwardanti drittijiet, dawn qed jigu ffissati fl-ammont ta’ disghin Euro (€90.00). B’hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

**Dr Leslie Cuschieri**

Chairman